MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2494/2002

***Malta Tourism Authority***

***vs***

***Nazzareno Ciantar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-awtorita' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm686.70) rappresentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-dokument anness ma' l-avviz u mmarkat bl-ittra "A"

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Michael Grech ghan-nom ta’ l-awtorita’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-awtorita’ attrici s-somma ta’ sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm686.70), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------